Minuti tal-Laqgħa Nru. 18 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is- Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivita 30 ta' Settembru u Ġieħ Ħal Luqa
5. European Mobility Week
6. Restawr Niċċa Sant' Andrija
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Camilleri intervjena fuq punt 3.7 fuq il-każ tal-Istatwa ta' Sant' Andrija. Is-Sindku semma li skont kif ssuġġerrit il-Perita jaqbel li jibqa kollox kif inhu.

1.2 Il-Kunsillier Caruana qal li fuq punt 1.1 din kellha tkun it-tifel ta' ħuh u mhux ħuh.

1.3 Il-Kunsillier Caruana qal li fuq punt 3.4 huwa kien semma li din kellha tkun iż-żewġ skrivani u mhux s-Sinjura Angie Refalo biss.

1.4 Il-minuti kienu ipproponuti mis-Sindku u sekondati mill-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku qal li fuq in-Niċċa ta' Sant Andrija, l-Perita kienet issuġġerrit li għandu jibqa kollox kif inhu anki l-ark jerġa jitwaħħal fejn kien.

2.2 Is-Sindku qal li fil każ tas-Sinjorina Angie Refalo din se titla għall Skala 10 wara li ntbagħtet email lid-Dipartiment fejn iċċekjajna. Huwa qal li minn naħa tal-Kunsill anki iċċekjajna jekk din hux intitolata għal Skala 9 imma d-Dipartiment informa li din ma tistax. Fil każ tas-Sinjorina Ingrid Borg il-progression teħodha permezz t' internal progression.

2.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq ir-rampa ta fejn il-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li se jinforma lill-ħaddiema biex tiġi rranġata.

2.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq punt 3.9. Is-Segretarju qal li għad irid jikteb lill-Kummissarju fuq dan il-każ.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Viċi Sindku qalet li kien hemm bozza maqtugħa faċċata ta' Hili Ventures f' Valletta Road. Is-Sindku qal li huwa kien jaf biha u kien ħa passi.

3.2 Is-Sindku qal li l-ġimgħa d-dieħla kienet se tingħalaq l-entratura tal-Klabb tal-Boċċi minn fejn kienet preżenti ġol-Bandli. Huwa qal li kien ħa ħsieb biex hawn titwessa l-bankina sabiex l-istess Klabb ikollu possibilta fejn ikun jista jorganiżża ċertu attivitajiet. Is-Sindku qal ukoll li huwa kien talab biex isir ċertu żbir minħabba li kien hemm l-għasafar li jkunu fis-siġar li jagħtu fuq il-playing equipment li qed iħammġu l-istess playing equipment

3.3 Il-Viċi Sindku qalet li kien hemm talba biex jerġgħu isiru l-korsijiet tal-cake decorations. Is-Sindku qallha li tista tmexxi fuqha.

3.4 Il-Kunsillier Caruana qal li kien hemm bżonn li jsir it-tindif taċ-Ċimiterju ta' Valletta Road. Is-Sindku qallu li jista jikkordina mal-ħaddiema fuq dan it-tindif.

3.5 Il-Viċi Sindku qalet li kellmitha Demaris rigward attivita relatatta ma Halloween. Hija talbitha biex tiltaqa mal-Kunsill biex tkun tista tikkordina. Is-Sindku qallha biex tgħidilha sabiex tagħmel appuntament il-ġimgħa d-dieħla.

3.6 Il-Kunsillier Caruana qal li daħlet karozza tal-linja fi Triq Dun Pawl li b' konsegwenza t' hekk għawġet il-mera li kien hemm fil-bidu.

3.7 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet biex forsi ssir skip apposta li tiġbor il-ħwejjeġ li ma jkollhomx użu sabiex dawn ikunu irriċiklati. Is-Sindku qal li din tista toħloq problema għat tip ta' ħwejjeġ li jkunu mormija.

3.8 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet jekk kienx hemm informazzjoni fuq fejn se ssir l-konferenza tal-Awtorita tal-Ippjanar fuq il-proċeduri l-ġodda. Is-Segretarju qal li se jiċċekkja l-email u jgħaddilha d-dettalji.

3.9 Il-Viċi Sindku saqsiet meta se titranġa l-bankina li hemm quddiem il-Convenience peress li din tiżloq. Is-Sindku qallha biex issa kif il-ħaddiema jibdew bil-ġurnata din issir.

3.10 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri semmiet li kienu qed jipparkjaw quddiem il-garaxx ta' Pina. Is-Sindku qallha li din trid twaħħal sticker mal-biex tal-garaxx tan-No Parking inkella ma tkunx tista tinforza.

3.11 Il-Kunsilliera Massa saqsiet fuq il-linji li kellhom isiru fi Triq Ħal Qormi. Is-Sindku qal li għadna qed nistennew risposta minn naħa ta' Transport Malta.

3.12 Is-Sindku saqsa x' kien sar fuq il-proġett tal-Erasmus. Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li kienu ikkuntattjaw lill-lokalita ta Ħad Dingli imma dawn ma kinux aċċettaw. Hija qalet li bħalissa bħala partners hemm il-Polonja u l-Islovakia. Hija qalet li hemm ukoll diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar fuq il-proġett. Is-Sindku qallha biex tibqa issir follow up fuq dan il-proġett.

3.13 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-Ħamis li ġej konna se niltaqgħu mal-Baned fuq dan il-proġett biex inkomplu naġġornawhom. Huwa qal li se nġibu l-informazzjoni tal-bandisti biex b' hekk inkomplu nagħmlu kuntatt magħhom.

3.14 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li għall dan il-proġett irid ikun hemm 60 parteċipant. Iż-żjara se tkun ta' ġimgħa fil-pajjiżi li huma partners tal-proġett.

3.15 Is-Segretarju ressaq email rigward it-tilqima tal-influwenza biex nibdew nikkordinaw fuqha.

3.16 Is-Segretarju ressaq email fuq mixja li kienet se ssir b' risq il-Hospice Malta, biex dawk il-Kunsilliera li jixtiequ jattendu jkunu jistgħu jmorru.

3.17 Is-Segretarju ressaq email minn naħa tat-TCTC fuq korsijiet li kienu se jsiru b' kollaborazzjoni mar-Reġjun għall adulti.

3.18 Is-Segretarju ressaq email oħra minn naħa tal-Malta Society of Arts li kienet tinforma li fetħu l-korsijiet tax-Xitwa.

3.19 Is-Segretarju ressaq email minn naħa ta' Ms. Liliana Cachia li hija infurmat li tista tagħti korsijiet tal-crochet ġewwa l-Kunsilli Lokali.

3.20 Is-Segretarju qara email li waslet mingħand is-Sur. Antoine Azzopardi fejn dan spjega li huwa instructor tal-computer u bħala parti mit-taħriġ tiegħu kien hemm bżonn li jagħti xi courses lil adulti.

3.21 is-Segretarju qara email li kienet ġejja mingħand il-Fondazzjoni Nazareth biex jinfurmaw li kienet se ssir maratona ġbir ta' fondi u kellhom bżonn xi kunsilliera biex jieħdu t-telefonati waqt din l-attivita.

## 4.0 ATTIVITA 30 TA' SETTEMBRU U ĠIEĦ ĦAL LUQA

4.1 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-ewwel banda se tibda ddoqq fis-7.15 pm u tlett kwarti wara tibda t-tieni waħda. Huwa qal li kien se jkun hemm għana, roaming entertainers, artiġjanat, kif issir l-irkotta u wine tasting ukoll. Il-Kunsillier Camilleri qal li se nkunu qed nikkuntattjaw lil xi persuni li għandhom talent biex jkunu parti mill-program dakinhar.

4.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li tal-Każini kull wieħed kien se jipprepara ikel Malti u jbiegħu biex jagħmlu qliegħ għall każin minnu. Huwa qal li tal-Benna kienu kellmuh fejn aċċernaw biex matul l-okkażżjoni ma jkunx hemm take aways etc imma ikel Malti biss. Huma kellhom jagħtuh risposta għall attendenza peress li meta kienu attendew ta' Ħal Kirkop dawn kienu marru ħażin.

4.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li bħala spejjeż se tinġieb Band li tiswa € 300.

4.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk nistgħux inġibu l-ferrovija dakinhar. Il-Kunsillier Camilleri qallu li huwa kien għamel kuntatt magħhom imma dawn ma setgħux.

4.5 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Caruana biex filkaż jgħid lil dik il-persuna li kienet ġiet matul il-Car Show biex tattendi dakinhar. Huwa qallu li se javviċinah u jara x' inhu l-ħsieb tiegħu.

4.6 Is-Sindku appella lill-Kunsilliera biex it-Tlieta ta' dik il-ġimgħa niltaqgħu lkoll bħala Kunsilliera biex naraw x' jonqos.

## 5.0 EUROPEAN MOBILITY WEEK

5.1 Is-Segretarju semma li kien hemm din l-inizjattiva li kienet maqsuma f' żewġ tipi ta' miżuri, jew miżuri li jsiru abbażi ta' ġimgħa jew inkella dawk permanenti. Huwa qal li bħala Kunsill applikkajna għall dawk li huma permanenti.

5.2 Is-Segretarju qal li l-applikazzjoni kienet tikkonsisti li jsir living wall bil-pjanti fuq barra fuq il-bankina li hemm fi Triq il-Masġar. Dan jikkonsisti f' folja tal-injam li magħha jitwaħħlu l-pjanti u dawn jissaqqew b' sistema sostenibbli. Huwa qal ukoll li kien hemm proposta biex fejn hemm il-feature li dan kellu jkun funtana jsir topiary.

5.3 Is-Segretarju qal li l-applikazzjoni daħlet fil-ħin u issa nistennew ir-riżultat x' se jkun.

## 6.0 RESTAWR NIĊĊA TA' SANT' ANDRIJA

6.1 Is-Sindku semma li r-restawr tan-Niċċa ta' Sant' Andrija huwa mistenni li jitlesta sal-aħħar ta' Settembru. Huwa qal li peress li din se tkun viċin il-festa liturġika jkun inawgurat fl-aħħar ta' Novembru.

6.2 Is-Sindku qal li l-aħjar issir purċċissjoni għall din l-okkażżjoni. Il-Kunsillier Camilleri qal li se jinforma l-Kappillan bil-ħsieb.

6.3 Il-Kunsillier Caruana semma li l-ġimgħa d-dieħla huwa kien se jkellem lill-ħaddied fuq l-ark. Huwa qal lis-Sindku biex inkellmu lill dak li kien se jieħu ħsieb il-bankina u l-ħaddied li qed jieħu ħsieb ir-railing biex nikkordinaw flimkien.

## 7.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-pagamenti.

7.2 Il-pagamenti ġew ipproponuti mis-Sindku u sekondati mill-Kunsilliera Massa, Camilleri Schembri, Bruno u Caruana.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2016 fis-6.50 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2016.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv